# LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI 2020

## INDIRIZZ TAĊ-CHAIRMAN

Dr Gordon Cordina

BOV

Bank of Valletta

Ninsab onorat li nagħqadt mal-Bord tal-Bank of Valletta bħala Chairman, f'dan iż-żmien meta l-Bank qiegħed jistabbilixxi pedamenti ġodda għall-profittabilità, l-istabbiltà u t-tkabbir tiegħu fil-ġejjieni. Dan filwaqt li rridu nilqgħu għad-diversi sfidi fl-operat tagħna. Din żgur m'hijiex biċċa xogħol faċli, iżda waħda li jiena bi pjaċir qed naqsam mal-kollegi tiegħi fuq il-Bord tad-Diretturi tagħkom, it-Tim Eżekuttiv immexxi minn Rick Hunkin, u l-membri tal-istaff.

**Il-Bord għas-Servizz tal-Azzjonisti**

Il-Bord li jiena Chairman tiegħu jaħdem għall-komunità sħiħa tal-azzjonisti, bl-għan prinċipali li jieħu l-aħjar riżultati fit-tul mill-kapital prezzjuż li intom qed tafdaw fil-Bank. Il-Bord ifittex illi, kif ngħidu bl-Ingliż, "to set the right tone from the top" fl-oqsma kollha tat-tmexxija tal-Bank speċjalment dawk vitali bħall-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja, u dik ċibernetika... dawn huma l-gwerer tal-lum, li fil-bank irridu niġġieldu kuljum. Il-Bord qiegħed ukoll isegwi mill-qrib il-konsegwenzi tal-COVID-19. Il-Bord tad-Diretturi qed jieħu ħsieb li l-istrateġija tal-Bank tiġi implementata mit-tim eżekuttiv hekk kif mistenni, u li trodd ir-riżultati mixtieqa. Il-Bord qiegħed hemm ukoll biex iħares ir-relazzjonijiet tal-Bank mar-regolaturi, li huma kruċjali għar-reputazzjoni u s-saħħa ta' din l-istituzzjoni, li m'hemmx bzonn infakkar li hija wahda ta' importanza sistemika ghal pajjizna.

**Minn fejn ġejjin**

L-aħħar snin ma kinux mill-aktar faċli għall-Bank of Valletta. Il-Bank baqa' profittabbli, b'likwidità għolja u kapital sod, filwaqt li kompla jinvesti fit-teknoloġija u r-riżorsi umani. Iżda kellu jissielet biex ma jogħtorx taħt l-isfidi tal-kriminalità u riskji oħra, biex jissodisfa standards dejjem aktar esiġenti ta' compliance. Il-Bank bata', u għadu għaddej minn tfixkil kbir, minħabba kwistjonijiet ta' litigazzjoni u problem ta' reputazzjoni tal-ġurisdizzjoni, li jieħdu żmien biex jissolvew, minkejja l-aqwa sforzi li qed isiru minn bosta naħat. Minkejja l-progress qawwi li sar f'dan il-Bank f'dawn l-aħħar sentejn, jonqos iktar xi jsir. F'għadd ta' aspetti, il-Bank għadu qed jonqos milli jissodisfa l-aspettattivi ġustifikati ta' numru ta' stakeholders. Dawn l-isfidi se nkomplu naffaċċjawhom, u mhux biss fil-Bank tagħna.

Ix-xena bankarja Ewropea ilha snin tbati minn profitti dgħajfa, minħabba rati ta' imgħax baxxi, żidiet f'non-performing loans u spejjeż kkawżati minn riformi regolatorji, li ħafna drabi jkunu iebsin imma neċessarji. Is-sitwazzjoni mhix differenti f'Malta, fejn irridu wkoll inħabbtu wiċċna maċ-ċokon tas-suq li jxekkel id-dħul u jħeġġeġ kompetizzjoni aktar intensa. Bejn l-2013 u l-2019, ir-Return on Equity wara t-taxxa tal-banek domestiċi ewlenin niżel minn 12.1 fil-mija għal 6.7 fil-mija[1]. Ir-redditu rreġistrat mill-Bank of Valletta ma marx aħjar. Dan kien ta' 6.2 fil-mija fl-2019, għax kien ukoll affetwat minn proviżjoniiet biex ikopru kawżi ta' litigazzjoni. Nemmen li l-Bank għandu l-potenzjal li jirrendi ħafna aħjar fis-snin li ġejjin, billi huwa l-akbar bank fil-pajjiż, bi brand b'saħħitha u staff ta' ħila u esperjenza.

Tajjeb li nħarsu 'l quddiem b'fiduċja. Madankollu, dak li għaddejjin minnu bħalissa qed jiddomina l-attenzjoni u l-isforzi tagħna b'mod li qajla rajna bħalu qabel.

**Fejn Ninsabu**

Ma nistax nenfasizza biżżejjed l-inkwiet ekonomiku li ġabet magħha il-COVID-19. L-ekonomija globali qed tiffaċċja riskji akbar minn non-performing loans, volatilità fis-suq tal-propjetà u sostenibbiltà tad-dejn pubbliku. F'Malta, dawn ir-riskji huma mitigati minn livelli għoljin ta' likwidità u qagħda fiskali b'saħħitha li ġejjin minn żmien qabel ma faqqgħet il-pandemija, u li bħalissa qed isostnu l-integrità ekonomika tal-kumpaniji u l-familji tagħna. Dan, minkejja tnaqqis ta' 7.7% fil-Prodott Gross Domestiku matul l-ewwel nofs tal-2020. Filwaqt li r-riskji għall-istabbiltà makro-ekonomika bħalissa huma ġestiti tajjeb, it-tħassib tagħna jmur lejn il-possibilità li din is-sitwazzjoni tippersisti lil hinn mill-ewwel nofs tal-2021.

Mill-perspettiva tal-Bank of Valletta, qed ninnotaw li s-setturi l-aktar milquta mill-pandemija huma fost l-aktar setturi li l-bank huwa espost għalihom. Dawn jinkludu attivitajiet li jiddependu fuq turiżmu, u negozji oħra li l-iktar li ntlaqtu bl-għeluq tas-servizzi mhux essenzjali, u bil-bidla fix-xejriet tal-konsum u l-posponiment ta' xiri b'ammonti kbar li l-COVID ġabet magħha. Meta tqishom f'daqqa, dawn is-setturi jammontaw għal kważi 30 fil-mija tas-self tal-bank: l-attività ekonomika tagħhom naqset bejn wieħed u ieħor bl-istess rata matul l-ewwel nofs tal-2020.

Ta' min jinnota li l-bank xorta għamel profitt matul dan il-perjodu, bir-return on equity wara t-taxxa jkun ta' 1.9 fil-mija. Forsi aktar importanti minn hekk, dan ir-riżultat inkiseb mingħajr ma l-bank qagħad lura mill-isforzi tiegħu biex isostni investimenti fit-teknoloġija u biex isaħħaħ ir-riżorsi umani fil-qasam tar-riskju u compliance.

Sa issa għadna ma rajniex sinjali ta' tħassib kbir fil-qagħda finanzjarja tal-klijenti tagħna. Madanakollu, nagħrfu li l-kundizzjonijiet jistgħu idumu biex jirranġaw jew li għal xi żmien saħansitra jmorru għall-agħar, speċjalment jekk it-telf li qed jgħaddu minnu n-negozji, jakkumula għal livelli mhux sostenibbli. Il-Bank qed jgħasses mill-qrib din is-sitwazzjoni u qiegħed jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jissalvagwardja l-qagħda finanzjarja kemm tiegħu kif ukoll dik tal-klijenti tiegħu, f'kollaborazzjoni mal-istituzzjonijiet relevanti.

[1] Central Bank of Malta - Financial Stability Report 2019, 2018, and 2017 (Appendix B – Financial Soundness Indicators)




**Inħarsu 'l Quddiem**

L-istorja tal-bank f'dawn l-aħħar snin, flimkien mal-bżonn li noħorġu b'saħħitna mis-sitwazzjoni li ġabet magħha l-COVID-19, qed jixprunaw lill-Bank biex jittrasforma l-operat tiegħu sabiex ikun preparat għas-snin li ġejjin. Dan ma jistax ikun eżerċizzju ta' fuq fuq, iżda bidla mill-qiegħ, minn ġewwa għal barra, li taffettwa l-operazzjonijiet u l-interazzjonijiet mal-istakeholders kollha, kemm interni kif ukoll esterni. Dan huwa meħtieġ biex niżguraw rwieħna li l-Bank jibqa' rilevanti għall-ekonomija Maltija, biex iwassal redditu aħjar lill-azzjonisti u jkun imħares mir-riskji.

Il-Bord approva u qiegħed jafda strateġija ġdida u ambizzjuża ta' trasformazzjoni f'idejn il-Kap Eżekuttiv u t-Tim tiegħu. L-ambizzjoni tagħna hi li din se tpoġġi l-Bank fost l-aqwa banek fl-Ewropa meta mqabblin mad-daqs tagħna. It-tfassil u l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija qed jiġu appoġġjati minn professjonisti b'esperjenza relevanti fuq livell internazzjonali. B'hekk nistgħu nħarsu 'l quddiem lejn bank li jkun preparat għall-ġejjieni f'termini ta' teknoloġija, diġitalizzazzjoni u ġestjoni tal-informazzjoni. Se jkun is-sieħeb tal-klijenti personali u fin-negozju, u ser ikun fuq quddiem nett bħala kontributur għall-komunità Maltija kollha u kif ukoll għall-ambjent. Barra minn hekk, il-bank għandu l-għan li jtejjeb l-esperjenza tax-xogħol għall-impjegati tiegħu, u li jipprovdi opportunitajiet għal żvilupp personali skont il-kapaċitajiet u l-potenzjal ta' kull individwu.

Importanti ħafna għall-laqgħa tal-lum, huwa l-fatt li l-istrateġija se jkollha l-għan li tkattar il-valur tal-intrapriża għat-tul ta' żmien, b'viżjoni biex jerġa' jinkiseb il-ħlas tad-dividend f'livelli li huma adegwati, stabbli u prevedibbli. Ninnutaw li l-valur tal-kapitalizzazzjoni tas-suq għall-Bank of Valletta huwa ekwivalenti għal inqas minn nofs tan-net asset value fuq il-karta tal-bilanċ. Meta wieħed iqis il-karatteristiċi speċifiċi tas-suq tal-ishma f'Malta u l-impatt tar-riskji li qed niffaċċjaw, jibqa' spazju sew fejn il-valur tal-azzjonisti jitjieb. Riskju ewlieni f'dan il-qasam huwa l-każ ta' litigazzjoni li għaddej fl-Italja, fejn il-Bank isostni l-pożizzjoni tiegħu, bbażata fuq diversi sorsi indipendenti ta' parir legali, li t-talba kontrih hija mingħajr mertu. Madankollu huwa għaqli li l-bank jippreserva l-kapital sakemm l-iżvolġiment ta' dan il-każ jiċċara.

Ir-regolaturi huma mħassba ferm dwar il-konsegwenzi tal-pandemija fuq is-settur bankarju Ewropew. Għalhekk qed jagħtu struzzjonijiet diretti lill-banek biex iżommu l-kapital kollu sakemm l-impatti tal-pandemija jkunu magħrufa aħjar. Dan ifisser li l-ħlasijiet tad-dividendi għalissa huma effettivament ipprojbiti.

Għandna nħarsu 'l quddiem lejn futur fejn inkunu nistgħu naddottaw dividend policy sostnuta. Sakemm naslu s'hemm, il-Bord se jkun qed jagħrbel soluzzjonijiet biex jaqdi l-aħjar interessi tal-azzjonisti kollha, konxju tal-bżonnijiet tagħhom.

Nitlob lilkom l-azzjonisti biex tkomplu tappoġġjaw lill-Bank f'dan il-perjodu ta' sfidi u trasformazzjoni. Qed nagħmel din it-talba fuq l-għarfien li permezz tas-sagrifiċċji li għamiltu kemm fil-passat u li għadkom qed tagħmlu bħalissa, flimkien mal-impenn sħiħ tal-impjegati, tat-Tim Eżekuttiv u tal-Bord tagħkom, il-Bank of Valletta jinsab f'qagħda tajba li jagħmel progress sostnut fil-futur qrib.

**Koda:**
Biex, nagħlaq, il-brand tal-Bank of Valletta dalwaqt tagħlaq ħamsin sena. Hekk kif il-Bank qed jasal għal dan it-tragward, hija r-responsabbiltà ewlenija, kollettiva u individwali tagħna li nipprovdulu l-aqwa pedament għas-suċċess tiegħu għas-snin li ġejjin.

Dr Gordon Cordina
**Chairman**
26 ta'Novembru 2020

Maħruġ minn Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130
Il-Bank of Valletta p.l.c. hija kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata regolata mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji u liċenzjata biex toffri l-kummerċ bankarju u s-servizzi ta' investiment f'termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370 tal-Liġijiet ta' Malta).

BOV
Bank of Valletta